# Il-Qgħad Irreġistrat: Marzu tal-2024

NR 074/2024 Data tal-Ħruġ: 25 ta' April 2024

*F'Marzu tal-2024, in-numru ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol kien ta' 1,144 biex b'hekk kien hemm żieda ta' 131 persuna meta mqabbel mal-istess xahar fl-2023.*



Tagħrif mogħti minn Jobsplus juri li, sena għal sena, f'Marzu 2024 kien hemm żieda ta' 111-il persuna jirreġistraw fl-Ewwel Parti tar-Reġistru tal-Qgħad u żieda oħra ta' 20 persuna fuq it-Tieni Parti tal-istess reġistru (Tabelli nri 5 u 8). Iż-żidiet fir-reġistrar dehru fil-biċċa l-kbira tal-gruppi tal-età (Tabella nru 1). L-irġiel kienu jgħoddu mat-68.4 fil-mija ta' dawk li kienu qegħdin jirreġistraw (Tabella nru 1).

Sena għal sena, kienu rreġistrati tnaqqisiet ta' 10 persuni fl-għadd ta' dawk li kienu ilhom jirreġistraw bejn 21 u 52 ġimgħa u ta' disgħa min-nies fl-għadd ta' dawk li kienu fuq ir-reġistru għal iżjed minn sena. Min-naħa l-oħra, dawk li kienu ilhom jirreġistraw għal anqas minn 21 ġimgħa żdiedu b'150 (Tabella nru 2).

F'Marzu tal-2024, in-numru ta' persuni b'diżabbilità li kienu qegħdin jirreġistraw għax-xogħol żdied bi tlieta meta mqabbel mas-sena ta' qabel, sabiex laħaq il-237 persuna. L-irġiel kienu jgħoddu 77.2 fil-mija tal-għadd sħiħ ta' dawk imniżżlin fir-reġistru tal-qgħad bħala persuni b'diżabbilità (Tabella nru 3).

L-irġiel u n-nisa fuq ir-reġistru tal-qgħad kienu qed ifittxu l-aktar impjiegi ta' appoġġ klerikali, b'24.9 fil-mija u b'37.4 fil-mija, rispettivament (Tabella nru 4).

## Ċart nru 1. Il-qgħad irreġistrat

